31997D0359

L 155/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 12.6.1997

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
ta' l-24 ta' Marzu 1997 [1]
li tirrigwarda l-eliminazzjoni ta' dazji minn fuq prodotti tekonoloġiċi ta' l-informatika

(97/359/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 flimkien ma' l-Artikolu 228(2), l-ewwel sentenza tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi fl-Aġenda l-ġdida Transatlantika adottata fil-konferenza UE-SU f'Madrid fit-13 ta' Diċembru 1995, ġie deċiż li għandu jsir tentattiv sabiex jiġi konkluż Ftehim dwar Teknoloġija ta' l-Informatika;

Billi, wara xi rapporti mill-Kummissjoni dwar il-konsultazzjonijiet ta' tfittxija tagħha ma' pajjiżi terzi, fis-16 ta' Novembru 1996, il-Kunsill iddeċieda li jiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi bil-għan li jiġi konkluż Ftehim dwar Teknoloġija ta' l-Informatika;

Billi fit-13 ta' Diċembru 1996, fl-ewwel Konferenza ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ f'Singapor, ġiet adottata Dikjarazzjoni Ministerjali dwar kummerċ fi prodotti tekonoloġiċi ta' l-informatika; billi d-Dikjarazzjoni tistabilixxi ċerti prekondizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' l-eliminazzjoni ta' tariffi għal prodotti teknoloġiċi ta' l-informatika; billi dawn il-prekondizzjonijiet ġew sodisfatti;

Billi d-Dikjarazzjoni Ministerjali dwar kummerċ fi prodotti teknoloġiċi ta' l-informatika flimkien ma' l-annessi u d-dokumenti mehmuża jikkostitwixxu l-Ftehim dwar kummerċ fi prodotti teknoloġiċi ta' l-informatika;

Billi l-Iskeda KE-ITA CXL, li timmodifika l-iskeda Komunitarja eżistenti, għandha tiġi sottomessa lill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ;

Billi l-Ftehim dwar kummerċ fi prodotti teknoloġiċi ta' informatika flimkien mal-Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni tiegħu għandu jiġi approvat f'isem il-Komunità,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim dwar kummerċ fi prodotti teknoloġiċi ta' informatika flimkien mal-Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni tiegħu għandu jiġi approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim u tal-Komunikazzjoni huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Kif meħtieġ mill-paragrafu 4 ta' l-Anness tad-Dikjarazzjoni Ministerjali dwar kummerċ fi prodotti teknoloġiċi ta' l-informatika, il-Kunsill:

(i) jinnota li parteċipanti li jirrapresentaw madwar 90 fil-mija tal-kummerċ dinji fi prodotti tekonoloġiċi ta' informatika innotifikaw l-aċċettazzjoni tagħhom; u

(ii) japprova, f'isem il-Komunità, it-talbiet fi stadji differenti tal-parteċipanti fl-ITA.

[1] It-test konsolidat ta' din id-Deċisjoni jinkorpora korrezzjonijiet approvati mill-Kunsill fl-14 ta' Mejju 1997

Artikolu 3

Il-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni sabiex din tissottometti lill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ il-modifiki għall-iskeda Komunitarja kif stipulata fl-Iskeda KE-IT CXL li tinsab fil-Ftehim anness.

Artikolu 4

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem il-Komunità, jagħti n-notifika msemmija fid-Dikjarazzjoni Ministerjali.

Artikolu 5

Din id-Deċisjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fl-24 ta' Marzu 1997.

F'isem il-Kunsill

Il-President

H. VAN MIERLO